**Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral**

**LEADER**

Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta (2007-2013)

## SEJĦA - 413.4 Appoġġ għall–Kreazzjoni ta' 3 Prodotti distinti għat-Territorju tal-Majjistral

Il-Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral (MAGF) tħabbar li ser toħroġ sejħa għall-proposti għall-Azzjoni 413.4 taħt l-Assi 4. Din l-azzjoni toffri appoġġ għall-iżvilupp u għall-promozzjoni ta' 3 Prodotti distinti għat-territorju tal-Majjistral. Din l-azzjoni tifforma parti mill-Istrateġija tal-Iżvilupp Lokali ta' MAGF. Għal din is-sejħa, fondi pubbliċi b'total ta' €109,100 ġew allokati. Din is-somma ser tiġi maqsuma fuq it-tliet prodotti magħżula.

Entitajiet legali privati (intrapriżi Mikro u Żgħar skont ir-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE tal-Kummissjoni), assoċjazzjonijiet oħrajn bħall-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi, Kooperattivi u Assoċjazzjonijiet kif ukoll Għaqdiet mhux Governattivi (NGOs) li joperaw fit-territorju tal-MAGF biss jistgħu japplikaw taħt din is-sejħa.

Il-proġetti proposti li jiġu magħżula ser jingħataw sa' 80% ko-finanzjament.

Din is-sejħa ser tkun miftuħa mit-18 ta' Marzu 2013 sas-17 ta' Mejju 2013, 12.00a.m. L-Applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi fi ħdan l-uffiċċju tal–MAGF, 12, Triq it-Tullier, Attard ATD 1631 sas-17 ta' Mejju 2013, 12.00a.m. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb minn: Telefon: 2099 2080 - email: info@leadermajjistral.eu. Id-dokumenti meħtieġa biex wieħed japplika għal din is-sejħa jistgħu jitniżżlu minn www.leadermajjistral.eu.

**Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2007–2013**

LEADER
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali
Rata ta' Ko-finanzjament:
80% Unjoni Ewropea, 20% Gvern ta' Malta

***L-Ewropa Tinvesti f'Żoni Rurali***